31989L0617

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Novembru 1984

li temenda d-Direttiva 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl

(89/617/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kumissjoni [1],

B'koOperazzjoni mal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi d-Direttiva 80/181/KEE [4], kif emendata bid-Direttiva 85/1/KEE [5], tipprovdi għall-iffissar ta' data definittiva għall-użu ta' l-unitajiet imperjali legali ta' kejl elenkati fil-Kapitolu III ta' l-Anness tagħha; billi, għal xi unitajiet imperjali u għal xi użu speċifiku, deher neċessarju li l-Istati Membri konċernati jitħallew jiffisaw data xierqa sa liema dawn l-unitajiet huma unitajiet legali ta' kejl;

Billi l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 80/181/KEE jħalli li jiġu ffissati dati ġodda finali għall-użu ta' indikazzjonijiet supplementari,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 80/181/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, il-punti (b) u (ċ) għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

   "(b) dawk elenkati fil-Kapitolu II ta' l-Anness biss f'dawk l-Istati Membri fejn kienu awtorizzati fil-21 ta' April 1973 u sa data li għad trid tiġi stabbilita minn dawk l-Istati Membri;

   (ċ) dawk elenkati fil-Kapitolu III ta' l-Anness biss f'dawk l-Istati Membri fejn kienu awtorizzati fil-21 ta' April 1973 u sa data li għad trid tiġi stabbilita minn dawk l-Istati Membri. Din id-data ma tistax tkun iktar tard mill-31 ta' Diċembru 1994;

   (d) dawk elenkati fil-Kapitolu IV ta' l-Anness biss f'dawk l-Istati Membri fejn ġew awtorizzati nhar l-21 ta' April 1973 u sa data li għad trid tiġi stabbilita minn dawk l-Istati Membri. Din id-data ma tistax tkun iktar tard mill-31 ta' Diċembru 1999."

2. Fl-Artikolu 3:

   — fil-paragrafu 2, "il-31 ta' Diċembru 1989" għandha tiġi mibdula b' "il-31 ta' Diċembru 1999";

   — il-paragrafu 5 għandu jiġi mħassar.

3. Fl-Artikolu 5, "l-1 ta' Marzu 1974" għandha tiġi mibdula b' "il-15 ta' Mejju 1983".

4. Fl-Artikolu 6 it-tieni subparagrafu għandu jiġi mħassar.

5. L-Anness għandu jiġi emendat kif ġej:

---

[1] ĠU C 31, tas-7.2.1989, p. 7.
[2] ĠU C 120, tas-16.5.1989, p. 73;
ĠU C 291, ta' l-20.11.1989.
[3] ĠU C 159, tas-26.6.1989, p. 3.
[4] ĠU L 39, tal-15.2.1980, p. 40.
[5] ĠU L 2, tat-3.3.1985, p. 11.

(a) Il-Kapitolu II għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"IL-KAPITOLU II

L-UNITAJIET LEGALI TA' KEJL IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1(b), AWTORIZZATI GĦAL UŻU SPEĊIFIKU BISS

Settur ta' applikazzjoni	Unità		
	Isem	Valur approssimat	Simbolu
Sinjali tat-traffiku, kejl ta' distanza u veloċità	mil	1 mil = 1 609 m	mil
	jarda	1 jarda = 0,9144 m	jarda
	pied	1 pied = 0,3048 m	pied
	pulzier	1 pulzier = $2,54 \times 10^{-2}$m	pulzier
Tqassim ta' birra *draught* u ċidru; ħalib f'reċipjenti li jingħataw lura	pinta	1 pintat = $0,5683 \times 10^{-3}$ m3	pinta
Reġistrazzjoni ta' l-art	acre	1 *ac* = 4 047 m^2	ac
Transazzjoni f'metalli prezzjużi	uqija troj	1 uqija troj = $31,10 \times 10^{-3}$ kg	uqija troj

Sad-data li għad trid tiġi stabbilita taħt l-Artikolu 1(b), l-unitajiet elenkati f'dan il-Kapitolu jistgħu jiġu kkombinati ma' xulxin jew ma' dawk fil-Kapitolu I sabiex jiffurmaw unitajiet komposti."

(b) l-unità "*fathom*" għandha titneħħa mill-Kapitolu III.

(ċ) Il-Kapitolu li ġej għandu jiddaħħal:

"Il-KAPITOLU IV

L-UNITAJIET LEGALI TA' KEJL IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1(d), AWTORIZZATI GĦAL OQSMA SPEĊJALIZZATI BISS

Settur ta' applikazzjoni	Unità		
	Isem	Valur approssimat	Simbolu
Navigazzjoni marittima	fathom	1 *fm* = 1,829 m	fm
Birra, ċidru, ilmijiet, luminati u meraq tal-frott f'reċipjenti li jistgħu jingħataw lura	pinta	1 pinta = $0,5683 \times 10^{-3}$ m3	pintat
	uqija fluwida	1 uqija fluwida = $28,41 \times 10^{-6}$ m3	uqija fluwida
Xorb alkoħoliku	kwart ta' pinta	kwart ta' pinta = $0,142 \times 10^{-3}$ m3	kwart ta' pinta
Oġġetti mibjugħin b'waħdiet f'lott	uqija (*avoir dupois*)	1 uqija = $28,35 \times 10^{-3}$ kg	oz
	libbra	1 libbra = 0,4536k-g	libbra
Provvista tal-gass	term	1 term = $105,506 \times 10^{6}$ J	term

Sad-data li għad trid tiġi stabbilita taħt l-Artikolu 1(d), l-unitajiet elenkati f'dan il-Kapitolu jistgħu jiġu kkombinati ma' xulxin jew ma' dawk fil-Kapitolu I sabiex jiffurmaw unitajiet komposti."

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva f'mhux aktar tard minn 24 xahar min-notifikazzjoni tagħha [1].

Għandhom javżaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

[1] Din id-Direttiva ġiet innotifikata lill-Istati Membri nhar it-30 ta' Novembru 1989.

L-Artikolu 3

Minkejja d-Direttiva 80/181/KEE, l-Istati Membri għandhom, wara l-31 ta' Diċembru 1989, jawtorizzaw jew jibqgħu jħallu l-użu ta' l-indikazzjonijiet supplementari msemmija fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Novembru 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

R. DUMAS